

# IL-KISBIET MIT-TAGĦLIM TAL-ĦILIET

# TAL-MALTI BĦALA LINGWA BARRANIJA

## LIVELL 7 - IS-SEBA' SENA

## ROTTA 3

| **Fl-1 sena tal-Medja - It-temi li madwarhom għandhom jiġu żviluppati l-kisbiet huma:** | |
|---|---|
| Tfannid fuq it-temi ta' Rotta 1 u Rotta 2 | Il-passatempi |
| Is-saħħa | Il-festi ta' matul is-sena |
| Xogħlijiet u nies li jgħinuna | |

| **It-Taħdit** | |
|---|---|
| 1 | Nuża n-numri u l-prezzijiet bl-għaxriet fl-eluf eż. *għoxrin elf, tletin elf, mija u għoxrin elf f'taħditiet*, fejn il-kuntest jista' ma jkunx familjari. |
| 2 | Nuża frażijiet komposti biex nirreferi għall-ħin bħal ngħidu aħna, *is-sagħtejn u kwart, is-sagħtejn neqsin kwart, it-tlieta u għoxrin, it-tlieta neqsin għoxrin* u nkun kapaċi ndaħħalhom f'sentenzi sempliċi. |
| 3 | Inwieġeb telefonata b'vokabularju bażiku u mhux f'sentenzi sempliċi f'kuntesti familjari u mhux. |
| 4 | Nitħaddet billi nuża vokabularju bażiku u mhux biex ngħaqqad frażijiet b'mod sempliċi bil-għan li niddeskrivi esperjenzi u avvenimenti bħal ngħid aħna żjara f'post ta' interess f'Malta. |
| 5 | Nieħu sehem f'konverżazzjoni spontanja, sempliċi u fil-qosor fuq temi li tgħallimt jew qed nitgħallem u ngħid kif inħossni dwarhom eż. *dawk ta' interess personali: bħall-familja, il-ħin liberu, l-iskola, il-kotba li nħobb naqra, il-films li nħobb nara*. |
| 6 | Nuża f'sentenzi, strutturi grammatikali f'sentenzi li jkunu ġew mgħallma lili minn qabel. |

| Is-Smigħ | |
|---|---|
| 1 | Nifhem il-punti differenti fl-aħbarijiet ewlenin fuq it-televixin bħal ngħidu aħna inċidenti, avvenimenti u aħbarijiet oħra importanti li jaffettwaw lill-pajjiż, fejn il-materjal viżiv jgħin id-diskors. |
| 2 | Nifhem struzzjonijiet inkluż riċetta li ma jkunx fihom aktar minn 5 verbi fl-Imperattiv pożittiv dwar affarijiet li nkun tgħallimt dwarhom bħal ngħidu aħna kif tħaddem xi makkinarju imwassal lili b'mod ċar u bl-għajnuna tal-viżiv. |
| 3 | Nifhem in-numri u l-prezzijiet bl-għaxriet fl-eluf eż. *għoxrin elf, tletin elf, mija u għoxrin elf* imwassla lili bil-mod u b'mod ċar. |
| 4 | Nifhem il-ħin bħal ngħidu aħna, *is-sagħtejn u kwart, is-sagħtejn neqsin kwart, it-tlieta u għoxrin, it-tlieta neqsin għoxrin* imwassla lili bil-mod u b'mod ċar. |
| 5 | Nidentifika l-punti ewlenin ta' diskors u artikolat b'mod ċar, bil-mod u b'Malti standard fuq temi li tgħallimt jew qed nitgħallem dwarhom. |
| 6 | Nifhem is-sekwenza tal-istorja/messaġġ imwassal permezz ta' materjal awdjoviżiv bħal siltiet minn films u *features* tal-aħbarijiet fejn id-diskors huwa ċar, ta' bejn 230-250 kelma, u fejn l-immaġini tgħin il-fehim. |

| Il-Qari | |
|---|---|
| 1 | Naqra u nifhem testi qosra fattwali ta' bejn 230-250 kelma li jistgħu jkunu megħjuna minn simboli jew stampi fuq temi li tgħallimt jew qed nitgħallem, bl-użu ta' vokabularju l-aktar użat inkluż kliem ta' xeħta internazzjonali. |
| 2 | Naqra u nifhem struzzjonijiet/regolamenti megħjuna minn stampi li ma jkunx fihom aktar minn 5 verbi fl-Imperattiv pożittiv bħal ngħidu aħna *kif tagħżel il-ktieb addattat għalik meta żżur il-librerija*. |
| 3 | Jiena kapaċi naqra biex nislet informazzjoni ġenerika li jkolli bżonn għall-informazzjoni tiegħi minn materjal użat fil-ħajja ta' kuljum ta' bejn 230-250 kelma, bħal ngħidu aħna minn avviżi, gazzetti, u fuljetti qosra. |
| 4 | Ninqeda sew bid-dizzjunarji u bit-teżawri tal-Malti biex infittex il-kliem li ma nkunx naf xi jfisser, kif jinkiteb, kif jingħad jew kif jinqara, fi kliem ieħor infittex skont l-ordni alfabetiku mhux biss billi nħares lejn l-ewwel ittra, imma wkoll lejn l-ittri li jsegwuha u billi nfittex skont l-għerq jew il-forma ewlenija tal-kelma. |
| 5 | Naqra test quddiem ħaddieħor bħal ngħidu aħna waqt laqgħa fi gruppi, fil-klassi u f'attività għall-istudenti. |

| Il-Kitba | |
|---|---|
| 1 | Nikteb ittra informali lill-awtur Malti favorit tiegħi biex nispjegalu għaliex inħobb naqra l-kotba tiegħu. |
| 2 | Nikteb paragrafi  dwar kif nixtieq li jkunu l-ġranet ideali tiegħi/il-film favorit tiegħi/il-ktieb favorit tiegħi/ il-post f'Malta li jogħġobni. |
| 3 | Nikteb sett ta' istruzzjonijiet lil xi ħadd dwar x'għandu jagħmel eż*. biex mid-dar jasal f'xi bini partikolari; biex mill-ajruport jasal id-dar tiegħi; biex mill-iskola/post tax-xogħol imur il-belt jew Għawdex*. |
| 4 | Waqt li nikteb nuża aspetti tal-metalingwa li nkun tgħallimt minn qabel. |
| 5 | Nikteb storja mil-lenti ta' xi oġġett li qed jara ġrajja sseħħ quddiemu. |
| 6 | Nikteb mistoqsijiet biex nitlob dettalji dwar xi ħaġa jew xi ħadd. |